# IL-KELMA

*Kien ġa wasal biex imut*
*Negozjant, li kien marid.*
*"Ftakar l' inti għandek tmur*
*Quddiem Alla, tiegħek Sid!*
*Minn did-dinja, aqta' 'l-jies...*
*Fittex rodd ħwejjeġ in-nies"...*
*Qallu hekk l-ewwel qassis;*
*Iżda l-għani baqgħet rasu*
*Jiebsa iżjed mill-ħadid!*
*Il-qassis rah mhemmx li jdur,*
*Telaq, qal: Aħjar immur!...*

*Qassis ieħor ġie malajr:*
*—"Hawn negozju li fih ħajr?—*
*"Kemm Alla għandu ġid fuq ġid!*
*"Tibdel l-għana ta' did-dinja*
*"Illi qatt m'għamel nies hienja...*
*"Jogħġbok, għidli, dal-partit?..."*
*Il-marid hawn qam u għola:*
*Qallu: "Sieħeb, hekk irrid!!"*

*Biex trażżan it-tawru,*
*Trid torbtu mill-qrun.*
*Biex bniedem iddawru,*
*Mhux għaref trid tkun!*
Għax asaħħ il-għaqal
Minn għerf Salamun.

R.M.B.